# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Rennie Stivala]

## vs

## Thomas Agius

**Kumpilazzjoni Numru: 1034/2013**

**Illum, 2 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Thomas Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 1083447(M).

Akkuzat talli bejn Marzu 2012 u Ottubru 2012, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti magmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Filwaqt li kien fi dmir bhala kunsillier li kellu xi interess pekunarju, dirett jew indirett, f'xi kuntratt jew f'xi proposta ta' kuntratt jew hag'ohra u kien prezenti f'xi laqgha tal-kunsill fiha dan il-kuntratt, proposta ta' kuntratt jew hag'ohra kienet, jew kienet waslet biex tkun, ikkunsidrata, li tiddikjara bil-miftuh fil-laqgha u kemm jista' ikun malajr wara li bdiet l-interess tieghu u:
   a) Ma kellux jippresjedi jew jiehu sehem fil-konsiderazzjoni jew fid-diskussjoni ta', jew jivvota fuq mistoqsija dwar, dak il-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew hag'ohra; u
   b) Kemm-il darba l-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew hag'ohra ma tkunx qed tigi kkunsidrata mill-Kunsill biss bhala parti minn rapport ta' kumitat jew ta' sotto kumitat tieghu u ma tkunx hi s-suggett ta' dibattitu separat, huwa kellu jirtira mil-laqgha fil-waqt li l-kwistjoni tkun qed tigi kkunsidrata.

2. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni inbdew.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' espert jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha inkluz ix-xhieda tal-istess imputat Thomas Agius; u

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali datatat 18 ta' Ottubru 2013, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja ;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat** illi din il-kawza tittratta dwar allegat ta' kunflitt ta' nteress tal-imputat fil-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug meta kien qed jagixxi bhala Vici Sindku u dan peress illi t-tifel tieghu l-perit Godwin Agius kien jaghmel xoghol mad-ditta tal-periti li kienet precedentement hadet l-aggudikazzjoni biex taghmel xi xoghlijiet ghal Kunsill.

Illi l-imputat huwa akkuzat taht zewg ligijiet, wahda taht il-Ligi tal-Kunsilli Lokali u cioe` l-Att 363 fejn jimponi illi l-Kunsillier partikolari juri bil-miktub xi interess li jista' jkollu; u fit-tieni lok l-imputat huwa akkuzat ukoll that l-Artikolu 124 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jimxi *pari passu* mal-provvediment tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali fejn jitkellem ukoll fuq interess privat illegali.

**Ikkunsidrat** illi mill-provi prodotti irrizulta illi il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq laqgha partikolari tal-istess Kunsill fejn kif intqal ben tajjeb mis-Sindku tal-post **Alfred Grixti** fix-xhieda tieghu datata sbatax (17) ta' Marzu 2014 fl-ewwel laqgha meta jigi elett Kunsill Lokali jigu eletti s-Sindku u l-Vici Sindku tal-post u ma jsir xejn aktar. Fit-tieni laqgha pero` ikun hemm ix-xoghol amministrattiv u appuntu f'dik il-laqgha l-imputat kien informa bil-parentela tieghu mal-perit Godwin Agius u li ma kienx ser jivvota u li f'dak iz-zmien kien jahdem mal-kumpanija tal-periti Med Design u li kienet precedentement kienet aggudikata l-appalt tad-disinni tat-toroq tal-lokal.

Is-segretarju ezekuttiv **Christopher Formosa** jghid hekk fix-xhieda tieghu tas-sbatax (17) ta' Marzu 2014:

> ***"Ehe kif qed nghid jiena kont infurmajt lill-Vici Sindku b'din il-possibilita` ta' konflitt ta' interess, spjegajtlu x'tghid il-Ligi u anke l-pieni annessi mal-ksur ta' dan il-konflitt ta' interess. Fil-fatt fit-tieni laqgha tal-Kunsill, jigifieri tal-legizlatura huwa kien iddikjara dan il-kunflitt ta' interess lill-kumplament tal-Kunsill u kien qal ukoll li kien se jastjeni milli jiehu kwualunkwe votazzjoni li tirrigwardja l-periti, . . . ".***

Illi pero` dan ix-xhud kompla jghid illi madanakollu l-imputat Thomas Agius kien xorta wahda jippartecipa u jiehu votazzjonijiet meta kien hemm xi voti per ezempju li kellhom x'jaqsmu ma' pagamenti tal-periti b'mod partikolari f'laqgha tat-tnejn (2) ta' Awwissu, 2012.

Ix-xhud spjega kif kienet inharget *default notice* lill-kumpannija tal-periti fejn kien jahdem il-perit Godwin Agius fil-legizlatura ta' qabel meta ma kienx hemm l-imputat u dan peress li l-Kunsill ma kienx kuntent bix-xoghol tat-tifel tal-imputat u mbaghad intlahaq ftehim illi dan ma kellux jibqa assenjat mal-Kunsill Lokali taz-Zebbug izda kellu jkun esklussivament il-Perit Buhagiar u cioe` il-*partner* ewlieni tal-istess kumpanija.

Illi d-diskussjonijiet antecedenti ghal dan kollu u fejn kien hemm l-imputat kienu fil-fatt fuq jekk jitqabbadx perit iehor sabiex jaghti opinjoni ohra a rigward x'toroq isiru u dan sabiex jevitaw xi tip ta' kunflitt ghal Perit Buhagiar li dak iz-zmien kien membru parlamentari.

Illi mix-xhieda tal-istess **Perit Charles Buhagiar** tat-tlettax (13) ta' Ottubru 2014, hareg illi il-kumpanija tieghu Med Design kienet rebhet l-appalt tal-Kunsill Lokali Zebbug fis-sena 2000. Huwa spjega r-relazzjoni tal-kumpanija tieghu mat-tifel tal-imputat fis-sena 2012. Huwa jghid hekk:

> ***". . . issa wara li kien spicca minn maghna il-Perit Godwin Agius fis-sena elfejn u sebgha (2007) konna ghamilna arrangement li hu nibqghu naghtuh xi haga ta' konsulenzi in return naghmlu certu***

***xoghol li jkollu bzonn jaghmel huwa, kellna tip ta' arrangement kien informali hafna u f'dawk ix-xoghlijiet wiehed mill-klijenti li konna nghaddulu lill-Perit Godwin Agius on our behalf kien jiehu hsieb xi xoghlijiet li jkollhom il-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug, ir-raguni hija li huwa minn Haz Zebbug u kellu interess fix-xoghol hemmhekk".***

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi wahda mill-ligijiet li tahta hu akkuzat l-imputat Thomas Agius huwa l-Kapitolu 363 sejatament l-artikolu 19 tal-istess Att li jghid hekk:

***"(1) Ikun id-dmir ta' kull kunsillier li jkollu xi nteress pekunjarju, dirett jew indirett, f'xi kuntratt jew f'xi proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra u jkun preżenti f'xi laqgħa tal-Kunsill li fiha dak il-kuntratt, proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra tkun, jew tkun waslet biex tkun, kunsidrata, li jiddikjara bil-miftuħ fil-laqgħa u kemm jista' jkun malajr wara li tkun bdiet l-interess tiegħu u:***

***(a) dan m'għandux jippresjedi jew jieħu sehem fil-konsiderazzjoni jew fid-diskussjoni ta', jew jivvota fuq xi mistoqsija dwar, dak il-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra; u***

***(b) kemm-il darba l-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra ma tkunx qed tiġi kunsidrata mill-Kunsill biss bħala parti minn rapport ta' kumitat jew ta' sottokumitat tiegħu u ma tkunx hi s-suġġett ta' dibattitu separat, dan għandu jirtira mil-laqgħa fil-waqt li lkwistjoni tkun qed tiġi kunsidrata.***

***(2) Ikun id-dmir ta' kull Kunsill li jirreġistra fil-minuti ta' laqgħa partikolaritajiet ta' dikjarazzjoni bil-miftuħ li ssir f'dik il-laqgħa taħt is-subartikolu (1) u ta' kull irtir mil-laqgħa li jsir wara.***

***(3) Kull persuna li xjentement taġixxi bi ksur tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u tista' teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mija (€2,500) jew ħamsin fil-mija tal-kuntratt jew proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra, skont liema tkun l-ikbar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u kull persuna li tinsab ħatja ta' reat bħal dan ma tibqax kwalifikata li jkollha kariga ta' kunsillier għal perijodu ta' ħames***

*snin minn meta tinsab ħatja. (4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) il-kelma "indirett" tinkludi kull interess pekunjarju li kunsillier jista' jkollu permezz ta' martu jew żewġha, tal-ulied, ġenituri, aħwa jew permezz ta' xi kumpannija (li ma tkunx kumpannija pubblika) li hu jew wieħed jew uħud mill-oħrajn imsemmija jkollhom sehem minnha jew permezz ta' xi kumpannija li hu jew wieħed jew uħud mill-oħrajn ikunu diretturi tagħha.*

*(1) Kull kunsillier għandu bil-miktub jikxef lill-Kunsill kull relazzjoni familjari rilevanti li hu jkun jaf li teżisti bejnu u bejn kull persuna oħra li hu jkun jaf li jkollha, jew tkun kandidat għal ħatra ta', kariga taħt il-Kunsill.*

*(2) Il-kxif kollu magħmul taħt is-subartikolu (1) għandu kemm jista' jkun malajr ikun mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv lill Kunsill u:*

*(a) ikun id-dmir tal-Kunsill li jirreġistra fil-minuti partikolaritajiet tal-kxif; u*

*(b) jekk il-kunsillier meħtieġ li jagħmel il-kxif ikun preżenti f'xi laqgħa tal-Kunsill li fiha tkun qed tiġi diskussa xi kwistjoni dwar jew li tolqot il-ħatra, irrimunerazzjoni, iż-żmien jew il-kondizzjonijiet tasservizz, il-promozzjoni, il-grad, il-kondotta, ittkeċċija, is-sospensjoni, l-irtir jew is-superanwazzjoni tal-persuna li magħha jkollu r-relazzjoni familjari rilevanti, dan għandu jirtira mil-laqgħa fil-waqt li lkwistjoni tkun qed tiġi kunsidrata u l-irtir tiegħu għandu jiġi reġistrat fil-minuti tal-proċeduri tallaqgħa.*

*(3) Kull kunsillier li jaġixxi bi ksur tas-subartikolu (1) jew tas-subartikolu (2)(b) ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati sommarjament multa ta' mhux iżjed minn seba' mitt euro (€700) u, barra minn hekk, kull persuna misjuba ħatja ta' dak ir-reat teħel skwalifika milli jkollha kariga ta' kunsillier għal perijodu ta' ħames snin minn meta hekk tinsab ħatja:*

*Iżda l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, b'avviż filGazzetta jispeċifika pieni ogħla li f'ebda każ ma jkunu iżjed minn multa ta' sebat elef euro (€7,000). (4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, relazzjoni familjari rilevanti titqies li teżisti bejn kunsillier u uffiċjal jew kandidat jekk ikunu raġel u mara miżżewġin jew jekk l-uffiċjal jew il-kandidat, jew żewġ jew mart l-uffiċjal jew il-kandidat, ikunu –*

*(a) ġenituri*
*(b) nanniet;*
*(ċ) ulied l-ulied;*
*(d) ulied;*

***(e) aħwa;***
***(f) zijiet;***
***(g) neputijiet; jew***
***(h) prim kuġin, tal-kunsillieri jew ta' żewġ jew mart il-kunsillieri".***

Illi fuq il-kwistjoni tad-dikjarar tal-interess minn kunsillier qed tigi kkwotata sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Scerri** (deciza 31 ta' Ottubru 2013 per Imh. M. Mallia) fejn intqal hekk:

***"Irrizulta mill-provi illi l-imputat Joseph Scerri hu Sindku ta' Bormla u fis-6 ta' Settembru, 2007 inzammet laqgha tal-Kunsill Lokali fejn fost ohrajn kellu jinhatar Segretarju Esekuttiv ghal dan il-Kunsill. Wahda mill-kandidati kienet is-sinjura Ramona Falzon Gatt li hija mizzewwga lil Etienne Falzon in-neputi ta' l-imputat. Omm Etienne, Antonia Falzon nee' Scerri u l-imputat huma ahwa. L-imputat kien ukoll ic-Chairperson tal-bord ta' l-ghazla ghal din il-hatra ta' Segretarju Esekuttiv fejn flimkien ma' membri ohra tal-Kunsill iffirma rapport fejn giet irrakkomandata li s-sinjura Ramona Falzon Gatt tinhatar f'din il-kariga, illi din ir-rakomandazzjoni ttiehdet fuq mozzjoni mressqa mill-imputat stess. L-imputat naqas li jiddikjara bil-miktub ir-relazzjoni bejnu u bejn is-sinjura Ramona Falzon Gatt f'kull stadju u naqas li jezenta ruhu mill-istess laqgha u fl-istadju tal-votazzjoni u minflok ha sehem attiv fil-laqgha u vvota favur il-mara tan-neputi tieghu. Kien ghalhekk illi l-imputat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal zewg akkuzi in konnessjoni ma' ksur tal-Kapitlu 363 l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Fl-ewwel akkuza gie akkuzat talli naqas li jinforma lill-Kunsill bil-miktub bir-relazzjoni familjari relevanti li kien hemm bejnu u bjen Ramona Falzon Gatt u t-tieni akkuza talli naqas illi jiritira mis-seduta tal-Kunsill Lokali ta' Bormla li fiha kienet qed tigi diskussa l-kwistjoni tal-hatra tas-sinjura Ramona Falzon Gatt bhala kandidata ghal hatra ta' Segretarju esekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Bormla. B'Sentenza moghitja fid-19 ta' Ottubru, 2011 il-Qorti tal-Magistrati filwaqt illi lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza, kkundannatu ghal multa ta' €500 u skwalifikatu milli jokkupa l-kariga ta' Kunsillier ghal perjodu ta' hames snin.. . .***

***L-Artikoli sussegwenti jghidu illi din l-informazzjoni ghandha tinghata kemm jista' jkun malajr u tkun registrata fil-minuti partikulari tal-kxif. . . .  Minn dawn ir-regolamenti sussegwenti***

> ***johrog car illi l-informazzjoni illi ghandha tinghata mhix qieghda biss ghat-trasparenza imma sabiex dina tigi debitament registrata fil-minuti tal-Kunsill u tibqa' hekk registrata ghal kull eventwali skrutinju fil-futur. Mhuwiex bizzejjed illi kullhadd ikun jaf bl-informazzjoni, dak mhuwiex l-iskop tal-Ligi, l-avviz bil-miktub mhuwiex qieghed biss biex jinforma lill-Kunsilli imma qieghed biex iservi bhala dokumentazzjoni registrata ghall-skrutinju eventwali jekk ikun il-kaz. . . . Li kieku l-Ligi riedet illi t-tali kxif kellha sservi biss ghall-informazzjoni u ghat-trasparenza, ma kienetx izzid illi l-informazzjoni trid tinghata kemm jista' ikun malajr u tigi registrata fil-minuti partikulari tal-kxif. . . . L-imputat naqas illi josserva d-dettami tal-Ligi meta huwa ma nfurmax bil-miktub lill-Kunsill bir-relazzjoni famijari illi kellu ma' Ramona Falzon Gatt li kienet kandidata ghal hatra ta' kariga taht il-Kunsill u ghalhekk kellu jigi misjub hati ta' l-ewwel akkuza.»***

Illi johrog car illi l-imputat iddikjara l-parentela tieghu mal-perit Godwin Agius immedjatament fit-tieni laqgha u dan permezz ta' minuta tal-laqgha tal-Kunsill (Dok RS 5) u li tinsab a fol 98 tal-process u ghalhekk din id-dispozizzjoni tal-Kapitolu 363 giet sodisfatta.

Illi wkoll irid jigi rilevat illi biex ikun hemm dan il-kunflitt u kwindi l-imputat ma jkunx jista jippartecipa u jivvota, dan irid ikun konness ma «***xi interess pekunjarju, dirett jew indirett, f'xi kuntratt jew f'xi proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra u jkun preżenti f'xi laqgħa tal-Kunsill li fiha dak il-kuntratt, proposta ta' kuntratt jew ħaġ'oħra tkun, jew tkun waslet biex tkun, kunsidrata».***

Illi l-fatt illi xi darba il-Perit Godwin Agius kien jiehu hsieb it-toroq ta' Haz-Zebbug ghan-nom tal-kumpannija Med Design (vide xhieda tal-Perit Charles Buhagiar) ma jfissirx illi hemm xi interess pekunjarju l-anqas wiehed indirett.

Illi l-imputat gie ukoll akkuzat taht il-Kapitolu 9 u cioe' l-Artikolu 124 li jghid hekk:

> ***"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, jiehu interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew issorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni nbdew, jehel meta jisab hati il-piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tieghu pubbliku."***

Illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet illi ikun hemm sanzjonijiet penali ghal impjegati pubblici li jabbuzaw mill-kariga li jokkupaw u dana ghall-interess privati taghhom u wkoll li jkun ta' deterrent illi dawn l-impjegati pubblici jaghmlu dawn it-tip ta' reati.

Illi fil-kummenti maghmula mil-gurista **<u>Santo Roberti</u>** ghal **Codice Penale delle Due Sicilie**, huwa jispjega bl-aktar mod car x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta giet ippromulgata dina d-dispozizzjoni tal-ligi:

> ***"La situazione speciale dei pubblici impiegati di qualunque grado o qualita esige che'essi tante volte si astengano dal far cio` che forse sarebbe permesso ad altre persone."***

Ikompli jghid illi l-ufficjal pubbliku li ikun qed jokkupa il-kariga tieghu minhabba l-fiducja moghtija lilu mill-Gvern u ghalhekk anke mis-socjeta`, u kwindi dan irid izomm ruhu 'il boghod minn kwalsiasi tip ta' azzjoni li tista' twassal ghal xi

suspett jew biza' li huwa ikun ikkometta xi tip ta' frodi bi hsara ghall-istess socjeta`.

Illi il-**Giuseppi Falzon** fin-noti tieghu **'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872)** jispjega b'mod dettaljat x'inhuma l-elementi ta' dana ir-reat :

> ***"Gli elementi di questo reato sorgono chiaramente dai termini coi quali sono concepiti i detti articoli. Per questo reato egli e' necessario che si dichiari dal giuri':***
>
> ***1. che l'accusato sia ufficiale od impiegato pubblico;***
>
> ***2. che abbia preso un interesse privato nelle aggiudicazioni, negli appalti o nelle amministrazioni, od in un affare in cui egli fosse incaricato di dare ordini, di fare liquidazioni, di disporre o di fare alcun pagamento;***
>
> ***3. che lo ufficiale od impiegato abbia od abbia avuto la direzione o la vigilanza, nel tempo in cui le aggiudicazioni, gli appalti o le amministrazioni fossero cominciate e;***
>
> ***4. che gli atti commessi avuto luogo fraudolentemente. »***

1. **L-ufficjal pubbliku** - Illi il-persuna akkuzata fil-kummissjoni ta' dana ir-reat, necessarjament irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku. Jekk hu nieqes dana l-element, allura ma hemmx dana ir-reat. Illi m-hemmx dubju illi l-imputat Thomas Agius kien ufficjal pubbliku fid-data tal-akkuzi u dan minn April tal-2012, fejn kien jokkupa il-kariga ta' Vici Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug. Illi ghalhekk dan l-element gie sodisfatt.

2. **<u>L-interess privat</u>** - Illi l-ligi taghna tispecifika illi l-ufficjal pubbliku irid ikun ha xi interess privat kemm bid-dieher, kif ukoll bil-mohbi, jew permezz ta' persuna ohra f'aggudikjazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi minn imkien fil-ligi taghna ma insibu definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi dana l-interess privat. Illi **Manzini** jiddeskrivi dana l-element ta' l-interess privat bhala ***"l-elemento materiale del delitto"***. Huwa jsostni illi :

> ***"Prende interesse privato nei detti atti il pubblico ufficiale, che in relazione ad essi compie un fatto d'ingerenza qualsiasi per un illecito fine privato qualunque, a vantaggio proprio o altrui. Prendere interesse privato non equivale a ricavare utilita' privata, ma semplicemente ad interessarsi dell'atto o nell'atto, nel momento della sua proposizione, deliberazione, ratificazione, modificazione, revoca, annullamento, esecuzione, ecc, in vista d'una illecita finalita' privata qualunque. . . . "Non e' necessaria la sussistenza di un nesso particolare fra l'atto della pubblica amministrazione e l'ingerenza illecita. Ne' occorre che il fine privato, che il pubblico ufficiale consegue o cerca di raggungiere, sia assolutamente in conflitto con l'interesse pubblico; basta soltanto che sia incompatibile funzionalmente …. Il delitto si consuma col primo atto di quell'interessamento, e non si richiede ne' la produzione di un danno economico per la pubblica amministrazione, ne il conseguimento d'un lucro o d'altro vantanggio da parte del colpevole o di altri; e' sufficiente il pericolo funzionale derivante dalla violazione del dovere d'ufficio."***

Kif ikompli jispjega il-Manzini:

> ***"per l'imputabilita` dell'esaminato delitto e' necessario il dolo, cioe' la volonta libera e cosciente e l'intenzione di compiere il fatto d'interessamento privato in relazione a un atto della pubblica amministrazione presso la quale il pubblico ufficiale esercita il proprio ufficio. … Il fine e il motivo particolare del colpevole sono indifferenti: siano essi di lucro, di ambizione, di amicizia, ecc' siano ignobili o no, riguardino la persona del colpevole o un terzo ecc."***

Illi ghalhekk l-ufficjal pubbliku illi jippartecipa jew jiehu sehem f'negozji jew xi skambju iehor li huwa inkompattibbli mal-kariga minnu okkupata jsir hati tal-kummissjoni ta' dana r-reat.

Illi l-interess privat ta' l-ufficjal pubbliku huwa l-element ewlieni li fuqu huwa mibni dana ir-reat. Jekk dana l-interess ma jigix ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, allura r-reat ma jistax jissussisti.

Dan l-element huwa intrinsikament marbut mat-tielet element li ser jigi diskuss hawn taht.

3. **L-interess privat f'aggudikazjoni, appalt jew amministrazzjoni** - Illi l-ligi taghna kif imfassla tippreciza illi l-interess privat irid ikun sehh f'xi att ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni.

Il-gurispuridenza Taljana toffri ftit ghajnuna ghal dan l-element. Fid-decizjoni tal-**Corte di Cassazione (Cass.14 gennaio 1891)** intqal hekk:

> ***"Commette il reato qui preveduto l'usciere che per interposta persona concorre all'asta dei mobile pignorati procedendo alla vendita di parecchi di essi in conferma e per un prezzo molto inferiore alla stima".***

Intqal ukoll fid-decizjoni tal-Cassazione **(Cass. 12 febbraio 1890)**:

> ***"Neanche i semplici consiglieri comunali possono prendere un interesse privato qualunque nelle aggiudicazioni e negli appalti, o in altro atto qulaunque della pubblica amministrazione*** "

Jinghad illi ghalkemm l-imputat ha sehem fid-diskussjoni tal-laqgha tal-Kunsill Lokali nhar it-tnejn (2) ta' Awwissu 2012, fejn kienet qed jigu diskussi materja koncernanti mad-dekasteru tieghu u cioe` t-toroq u ghalhekk huwa ma setax jevita li ma jippartecipax f'tali diskussjoni, jirrizulta wkoll illi huwa ha sehem meta kienet qeghda tigi diskussa l-materja jekk ghandux jitqabbad perit iehor sabiex jaghti valutazzjoni fuq liema toroq kellhom isiru.

Illi bir-rispett kollu u ghal finijiet ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi, f'dik il-laqgha u fl-*item* 2.6.6 *et seq* ma kienitx qed tigi diskussa materja ta' ***aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni*** u meta l-imputat ippartecipa f'din il-materja ma kienx qed jezercita interess privat dirett lejn xi gwadann finanzjarju dirett jew indirett. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm il-perit Godwin Agius kien u ghadu t-tifel tieghu, dan kien biss *sub contractor* tal-kumpannija Med Design u mhux socju tal-istess kumpannija tal-periti u kwindi qatt ma seta' jkun hemm interess finanzjarju dirett jew indirett. Illi ulterjorment u kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-perit Godwin Agius ma kienx ghadu jaghmel xoghol fuq il-Kunsill ta' Haz-Zebbug fis-sena 2012, izda kien jaghmlu direttament il-Perit Buhagiar u ghalhekk anke jekk l-imputat ippartecipa jew ivvota ghal din il-materja, qatt ma setghet tinkiser id-dispozizzjoni tal-Artikolu 124 tal-Kapitolu 9.

Fil-fatt kif stqarr is-sindku Alfred Grixti fix-xhieda tieghu u anke kif gie rifless fil-minuti tal-laqgha tat-tnejn (2) ta' Awwissu 2012, fejn huwa kien qed jirreferi espressament ghall-Perit Charles Buhagiar u mhux ghal Perit Godwin Agius meta qal a tergo ta' fol 104 tal-process:

> ***"2.6.6. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li sabiex hadd ma jkun jista' jitfa dubji ghal mod kif intaghzlu t-toroq minn dan il-grupp ta' erbatax it-triq li jifdal huwa kien qieghed jissuggerixxi li jintalab rapport tekniku kemm jista' jkun malajr lill-Perit tal-Kunsill fuq l-istat ta' dawk is-sittax it-triq u d-decizjoni tittiehed a bazi ta' dan ir-rapport. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qieghed jahseb ukoll li jiehu spunt minn suggeriment li sar fil-laqgha precedenti mill-kunsillier Roderick Aquilina u tintalab it-tieni opinjoni u jintalab rapport iehor halli hadd ma jipponta subghajh lejn il-Perit tal-Kunsill u mbaghad a bazi ta' dawn ir-rapport teknici jiddeciedi l-Kunsill liema toroq isiru".***

Mela d-diskussjoni li anke l-imputat ippartecipa u vvota fuqha kienet biss fuq liema toroq isiru u mhux jekk per ezempju il-Perit Buhagiar kellux jithallas ghalihom *o meno.* Illi anke ghal grazzja tal-argument kif qed tghid il-prosekuzzjoni kien hemm dan l-interess mill-imputat, il-Perit Buhagiar xorta wahda kien ser jibqa' il-Perit tal-Kunsill anke jekk id-decizjoni tal-Kunsill kienet wahda li tqabbad perit iehor ghaliex din in-nomina kienet biss intiza sabiex jaghzel liema toroq isiru. Illi bir-rispett kollu izda minghajr ma l-Qorti tindahal fix-xoghol tal-Kunsill, is-suggeriment tas-Sindku li jitqabbad perit indipendenti kienet wahda zejda u bla bzonn tenut kont li kien hemm diga` perit (Buhagiar) li kien gie mqabbad b'mod legali u b'sejha bil-miftuh u ghalhekk ma kienx hemm bzonn nomina ta' xi hadd iehor bil-konsegwenza ta' infiq ta' aktar flus mill-istess Kunsill! Illi effettivament din kienet il-lanjanza tal-imputat meta

ppartecipa f'din id-diskussjoni mhux ghax kellu xi interess pekunjarju dirett jew indirett f'dik id-diskussjoni (vide xhieda tal-imputat a fol 134 tal-process). B'dik il-votazzjoni ibnu Godwin Agius qatt ma seta' jigi influwenzat ghaliex huwa ma kienx ghadu jiehu hsieb it-toroq ta' Haz Zebbug *sic et simpliciter*.

4. **L-animus frawdolenti** - Illi fl-ahharnett huwa necessarju sabiex jissussisti dana r-reat illi l-intenzjoni ta' l-ufficjal pubbliku ikun wiehed frawdolenti. Dan l-ahhar element ta' dana r-reat huwa marbut mat-tieni element u cioe` mal-element ta' l-interess privat kif definit iktar 'il fuq – interess privat li jrid ikollu l-ghan illecitu. Illi gialadarba t-tieni u t-tielet elementi ma gewx ippruvati, mela awtomatikament dan l-element ukoll ma jistax isib l-ebda forma ta' gustifikazzjoni.

Illi dana kollu jwassal lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-imputat ma jista' qatt jinstab hati tar-reati addebitati lilu peress li ma tezisti l-ebda prova li tlahham b'xi mod l-elementi legali rikjesti fl-Artikolu 124 tal-Kodici Kriminali u tal-Kapitolu 363 ghal sejbien ta' htija.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx l-imputat **Thomas Agius** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**